**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit); M.A. (Melit).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Dicembru, 2020**

**Talba Nru: 496/2017PM1**

**Mark Spiteri (ID 651682(M))**

**Vs**

**Prof. Dr. Stephen Brincat u Ms. Sandra Fsadni**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 t' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-attur talab li t-Tribunal jordna lill-konvenuti ihallsuh is-somma ta' erbat elef, hames mija u sitta u sebghin euro (€4576) rapprezentanti bilanc dovut mill-istess konvenuti lill-attur ghax-xoghol imwettaq, provvista u tqeghid ta' materjal gewwa l-proprjeta` taghhom u kif ukoll ghall-materjal iehor li kien maqtugh u ghadu mhux imqieghed bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra l-istess konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 15 ta' Novembru, 2017 permezz ta' liema l-l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament ghaliex ghaddew tmintax-il xahar u fuqhom hekk skont id-data li ta r-rikorrenti stess u cioe` s-16 ta' Marzu, 2016 u ghalhekk it-talba tieghu hija preskritta taht l-art. 2148(a) tal-**Kodici Civili**
2. Illi l-konvenuti qatt ma ffirmat kuntratt mal-attur u ghalhekk, jekk hemm xi ammont dovut, huwa ammont ferm inqas minn dak pretiz mill-attur
3. Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti, tant illi l-konvenuti fil-fatt garrbu danni peress illi kellhom jigu inkarigati terzi sabiex jaghmlu xoghol rimedjali fuq il-post
4. Illi ghalhekk il-konvenuti prezentaw ukoll kontro-talba kontestwali ghad-danni hekk sofferti.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba kontestwali tal-konvenuti li permezz taghha talbu, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija u prevja dikjarazzjoni ta' responsabilita` ghad-danni sofferti, li dan it-Tribunal jikkundanna lill-atturi ihallsu lilhom danni likwidati f'somma li ma tmurx oltre dik ta' hamest elef euro (€5000).

Ra d-dokumenti annessi mal-istess risposta u kontro-talba.

Ra l-ittra legali datata 16 ta' Marzu, 2016 li giet prezentat mill-attur b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita mill-konvenuti waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2018.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba li permezz taghha l-attur eccepixxa :

1. Illi huwa ma naqas minn ebda obbligazzjoni jew struzzjoni li giet moghtija lilu u wettaq l-appalt kif jitolbu r-regoli tal-arti u s-sengha
2. Illi ebda dannu ma gie ikkawzat ghaliex l-attur agixxa dejjem skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu u skont kif jitolbu r-regoli tal-arti u s-sengha

3. Illi l-attur m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-modifikazzjonijiet li l-konvenuti qabbdu lil terzi jwettqu fuq il-proprjeta` taghhom
4. Illi l-konvenuti jridu jgibu prova tad-dannu reklamat minnhom
5. Illi kien hemm difett mhux fl-appalt tal-attur izda fil-kostruzzjoni tal-pool innifsu
6. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda tal-attur waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2018 u wkoll waqt is-seduta tas-26 t'April, 2018 u ra wkoll id-dokumenti ezebiti minnu.

Sema' wkoll ix-xhieda tal-Perit Randolph Bartoli waqt is-seduta tas-26 t'April, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Hefny Moataz waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Charlie Axiaq waqt is-seduta tal-1 t'Ottubru, 2018.

Ra d-dokumenti ossija ritratti ezebiti mill-attur permezz tan-nota tieghu datata 15 ta' Frar, 2019.

Sema' x-xhieda tal-Perit Chris Briffa u ta' Michael Attard waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu, 2019.

Ra n-nota tal-attur datat 8 ta' Mejju, 2019 li permezz taghha ezebixxa l-kont mahrug minnu.

Sema' x-xhieda ta' Mario Cassar waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 meta l-attur iddikjara li m'ghandux aktar provi x'jipproduci.

Sema' x-xhieda tal-konvenut waqt is-seduti tal-11 t'Ottubru, 2019 u wkoll waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti minnu f'tali seduti.

Sema' x-xhieda ta' Louis Attard, tal-Engineer Victor Bonello u tal-Perit Sandro Valentino waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar, 2020.

Ra n-nota tal-konvenuti datat 25 ta' Gunju, 2020 li permezz taghha ezebew prospett tad-danni allegati minnhom oltre dokumenti a sostenn tal-istess.

Sema' x-xhieda tal-attur in kontro-ezami waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru, 2020 u ra d-dokumenti ezebit minnu ossija kont limitat ghall-parti vertikali tal-pool.

Sema' l-kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta tas-16 t'Ottubru, 2020.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess konvenut.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' bilanc li huwa jippretendi li huwa dovut lilu ghal xoghol ikkommissjonat lilu mill-konvenuti u liema appalt gie terminat minnhom minghajr raguni valida skont il-ligi. Il-konvenuti, filwaqt li jwiegbu ghal tali talbiet, billi eccepew il-preskrizzjoni ta' tali talba taht l-art. 2148(a) tal-**Kodici Civili** u wkoll li l-ammont reklamat mhux dovut ghaliex ix-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti tant illi l-istess konvenuti sofrew danni billi inkarigaw lil terzi sabiex jaghmlu xoghol rimedjali, ressqu wkoll kontro-talba li, permezz taghha, talbu il-hlas tad-danni sofferti minnhom li kienu qed jigu limitati ghas-somma ta' hamest elef euro (€5000). Da parti tieghu, l-attur rikonvenzjonat eccepixxa, fost ohrajn, li huwa wettaq ix-xoghol skont l-arti u s-sengha u skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu u li fi kwalunkwe kaz ma kkawza ebda danni lill-konvenuti u m'ghandux jigi ritenut responsabbli sabiex ihallas huwa ghal terzi inkarigati sabiex jaghmlu modifikazzjonijiet fil-proprjeta` tal-istess konvenuti.

Illi mill-provi prodotti irrizulta kjarament li r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hija dik naxxenti minn appalt li permezz tieghu il-konvenut inkariga lill-attur sabiex jissupplixxi u jistalla *slabs* ta' *lava* bhala *coping* ghall-*pool* tieghu. F'dan ir-rigward huwa l-istess konvenut li jammetti li "*jiena kont gejt inkarigat mill-intimat sabiex fir-rigward tar-residenza* (tieghu) *fejn kien hemm diga` pool stallata jiena din il-pool niksiha permezz tal-lava. Dak kien l-inkarigu moghti lili mill-intimat. Il-materjal kellu*

*jigi supplit minni wkoll*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2018). In materja legali jinghad li, ai fini tal-konkluzjoni tal-kuntratt t'appalt, m'hijiex necessarjament mehtiega il-forma skritta (ara f'dan is-sens dak deciz mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz tas-sentenza taghha datata 29 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet **Victor Portelli v. Mark Psaila** b'referenza ghall-art. 1233(1) tal-Kodici Civili). Konsegwentement it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti timmerita li tigi michuda, dana anke ai fini ta'dak li ser jigi deciz hawn taht fir-rigward tal-eccezzjoni preliminary tal-preskrizzjoni.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieg li jigi determinat fl-ewwel lok jekk l-artikolu citat mill-konvenuti (ossija l-art. 2148(a) tal-**Kodici Civili**) huwiex dak applikabbli ghall-kaz in ezami. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab ukoll deciz mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju, 2003 permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Victor Portelli v. Mark Psaila** (hawn fuq diga` citata; oltre dak similment deciz mill-istess Onorabbli Qorti permezz tad-decizjoni datata 30 t'Ottubru, 2003 permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Stencil Pave (Malta) Limited v. Kunsill Lokali Naxxar**) minn fejn jirrizulta kjarament li t-terminu preskrittiv u l-artikolu relevanti m'huwiex dak citat mill-konvenuti. Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenuti.

Illi ulterjorment hija l-ligi stess li espressament tirregola r-rimedji disponibbli lill-partijiet rispettivi avut rigward ghar-raguni li twassal ghat-terminazzjoni tal-appalt. F'dan ir-rigward l-art. 1640 tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi testwalment illi:

> *1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt,għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.*
>
> *(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*

*(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara lijittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*

*(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun tax-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*

*(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti."*

Illi ghaldaqstant huwa proprju fid-dawl tas-surreferit illi t-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut ghandhom jigu mistharrga u decizi. Jehtieg allura li qabelxejn jigi determinat jekk il-konvenut kienx gustifikat li jittermina l-appalt kif evidentement ghamel permezz tal-ittra legali datata 16 ta' Marzu, 2016 (a fol. 13 tal-process). F'dan ir-rigward iz-zewg partijiet ressqu diversi xhieda, l-attur sabiex da parti tieghu jipprova jiccertifika l-bonta` tal-prestazzjoni lavorattiva tieghu u l-konvenut, sabiex min-naha tieghu, jipprova jiggustifika l-ghazla tieghu li jittermina l-appalt.

Il-konvenut fisser kjarament li l-*pool* hija karatterizzati minn aspetti funzjonali u wkoll estetici liema funzjonijiet huwa jikkontendi li gew mgharrfin lill-attur li kellu kwindi jiehu hsieb li, fl-istallar tal-materjal supplit minnu, isegwi il-livell ta' precizzjoni mehtieg sabiex irendi tali aspetti (kemm funzjonali u estetici) fil-prattika:

"*Qed nispjega lit-Tribunal illi d-disinn estetiku li kellha din il-pool kien fis-sens illi l-gholi taghha mill-gnub taghha ma kellux ivarja aktar minn ftit millimetri minn xulxin, anzi nghid mhux aktar minn millimetru jew tnejn u dana peress illi l-ilma kellu jitla l'fuq u jesporgi l-barra minn din il-pool b`mod ugwali min-nahat kollha. Huwa mill-aspett estetiku u mill-aspett funzjonali kien hemm bzonn ukoll li l-pool ma tkunx kif qed niddeskrivi jiena 'tilted' fis-sens illi kien hemm il-gutters u l-gutters kellhom ikunu hemmhekk*

*sabiex iservu il-purpose taghhom li kienet illi jiehdu l-ilma u jigbru l-ilma b`mod ugwali min-nahat kollha.* ***Nghid illi dan l-aspett kien gie diskuss mal-attur u hu kien konxju ta' dan u hu assigurani li ma kien ser ikun hemm ebda diffikulta sabiex jespleta dan l-inkarigu moghti lilu.*** (…). ***Fuq mistoqsija tat-Tribunal nikkonferma bil-gurament tieghi illi jiena kont espressament kellimt lil attur u nfurmajtu dwar dak li jiena xhedt dwaru u cioe` li d-dizlivell bejn genb u iehor tal-pool ma kellux jaqbez millimetru jew tnejn ghaliex inkella kien se jkun hemm il-problemi li jiena wkoll xhedt dwarhom.***" (f'dan is-sens ix-xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tal-11 t'Ottubru, 2019).

Ghalkemm l-attur ikkontenda li kien il-quality surveyor li l-ewwel ghamel referenza ghal "*certu friction fir-rigward tas-slabs tal-lava, dan ifisser li s-slabs tal-lava kienu qeghdin jibbendjaw*" (f'dan is-sens ix-xhieda tieghu waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2018), huwa l-istess attur li jammetti li, meta gie riskontrat bil-problematika tan-nuqqas ta' precizjoni fit-tqeghid tal-i*slabs*, huwa ghadda sabiex jirrettifika tali xoghol billi jaghmel xogholijiet rimedjali (u li, skont hu, kellhom ikunu sufficjenti sabiex isolvu l-problema). Ghat-Tribunal tali agir da parti tal-attur huwa indikattiv tal-fatt illi hu kien ben a konoxxenza tal-htiega li x-xoghol tieghu ikun karatterizzat mill-precizjoni teknika rikjesta u mfissra mill-konvenut, tenut kont ukoll in-natura partikulari tal-*pool* li l-istess konvenut xtaq. Huwa fuq kollox l-istess attur li jikkonferma li, kif inghad, kien il-Quality Surveyor appuntat mill-konvenut li:

"*indikali li kien qed jara certu friction fir-rigward tas-slabs tal-lava, dan ifisser li s-slabs tal-lava kienu qeghdin jibbendjaw. Huwa qalli li din hija kwistjoni ta' millimetri tant illi bilkemm seta' jiddetektja bl-apparat tieghu u fil-fatt taghni l-go-ahead biex jiena nibqa' ghaddej bix-xogholijiet.* (…) *Nghid li wara li tani l-go-ahead jiena bqajt ghaddej bix-xoghol skont struzzjonijiet moghtija lili.* (…) ***Nghid li meta gejna biex nixgheluha konna prezenti jiena, il-lavrant tieghi u l-intimat illi hekk kif xeghelna l-pool u l-pool bdiet tferra pero` ma bdietx tferra bl-istess mod minn kull naha. Kien hemm fil-fatt partijiet fejn lanqas bdiet tferra. L-intimat kien talabni***

***x'konna ser naghmlu u jiena kont infurmajtu li ser niehu hsiebha. Nghid li fil-fatt jiena hekk ghamilt u ergajt mort fuq il-post, ghamilt ir-riparazzjonijiet li kien hemm bzonn f'dan ir-rigward u tlabt li nergaw niltaqghu hallu nergaw nippruvaw il-pool.***" (xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2018).

Ghat-Tribunal din ix-xhieda hija ampjament indikattiva tal-fatt li l-attur kien ampjament a konoxxenza tal-livell tal-precizjoni mehtiega mix-xoghol tieghu u fil-fatt accetta li jibqa' ghaddej bix-xoghol sabiex dan jigi konformi mal-livell ta' precizjoni li l-konvenut kien qed jezigi sabiex il-*pool* tisssodisfa proprju l-aspetti funzjonali u estetici gustament pretizi minnu. F'dan ir-rigward jinsab deciz li, wara li jaccetta x-xoghol, l-appaltatur ma jistax jipprova jehles mill-obbligu tieghu li jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu in linea ma' dak rikjest u accettat minnu stess, billi jikkontendi li agixxa skont l-istruzzjonijiet ta' min tah ix-xoghol jew tar-rapprezentanti tieghu:

"*Bosta drabi gie ribadit mill-Qrati illi l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b' mod li 'l quddiem juri difetti. F' kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu ' quddiem" izda* ***qaladarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritiam artis*** *u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent; u ghalhekk mhux legalment validu l-argument li x-xoghol ma sarx sewwa ghax hu ghamlu kif riedu l-kommittent.[PA* ***Benny Camilleri v John Cuschieri****, Vol.XXV.I.727;Vol.XXVII.I.373 u Vol.XLII.I.517; App.Kum* ***Salvatore Guillaimier noe vs Anthony Borg Cardona*** *[1988] V ol.LXXII.II.439]; PA* ***Antonio Pisani vs Carmelo Debattista*** *[1958] Vol.XXIX.II.1003; App Kum.* ***Mario Blachman vs Carmelo Farrugia*** *[1972]*". (**Carmelo Francica et. v. Lawrence Buhagiar et.** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 t'April, 2004)

Konsegwenti ghas-surreferit huwa car li l-attur ma jistax ragjonevolment jipprova jehles mill-obbligi tieghu skont il-ligi li jiggarantixxi l-bonta` u l-utilita`tax-xoghol tieghu billi jirreferi ghal aspetti ohrajn, bhad-disinn tal-pool jew id-disinn tal-gutter jew ukoll ir-rih li jahkem dik iz-zona, li kellhom ilkoll ikunu ben evidenti ghalih meta gie biex iwettaq ix-xoghol tieghu u li kien naturalment tenut li jikkunsidra debitament fix-xoghol tieghu jekk tassew ried illi jwettaq xoghol tajjeb u skont l-arti u s-sengha.

Illi jehtieg li jigi determinat ukoll jekk, anke wara x-xogholijiet riparatorji li wettaq l-attur kif imfisser minnu stess permezz tax-xhieda tieghu, ix-xoghol tieghu baqa' xorta wahda mhux karatterizzat mil-livell ta' precizjoni mehtieg u accettat minnu. F'dan l-istadju l-attur joffri zewg gustifikazzjonijiet differenti ghall-problema riskontrata fix-xoghol tieghu, wahda hija li fit-tieni okkazzjoni illi fiha kellu jigi pruvat ix-xoghol tieghu il-livell tal-ilma lanqas lahaq ix-xifer tal-pool u kwindi, mill-aspett legali, il-bonta` tal-prestazzjoni tieghu ma setax jigi ikkonfermat ("*Jiena bdejt ninduna li l-ilma beda jibqa' fl-istess livell. Dak il-hin il-perit tieghi kien staqsieni jekk kienx ghad fadal sabiex il-pool tibda tferra, jiena kont ghidtlu li suppost sa issa l-pool diga bdiet tferra, kien f'dak il-mument li jiena ndirizzajt lil intimat u allegajt li hu kien miss xi lever u waqqaf il-flow tal-ilma. Hu min-naha tieghu hu qalli li m'ahniex tfal zghar u mhux ser naghmlu dawn l-affarijiet. F'dan l-istadju l-avukat tieghi ndirizza lill-intimat u staqsieh jekk dan kienx il-full power tal-pool u l-intimat wiegeb illi iva. Kien f'dan l-istadju li ahna ddeterminajna li kien hemm problema fir-rigward tal-power tal-pool. Qabel il-problema kienet li l-pool kienet qed tferra hafna ilma lil hinn mill-gutter u mhux li ma kinitx qed tilhaq il-livell sax-xifer sabiex tkun tista tferra l-ilma. Nghid li minhabba f'hekk ma lhaqniex ftehim u ghalhekk kelli nipprocedi permezz ta' din il-kawza*." - xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2018 konfermata wkoll mill-Perit tieghu Randolph Debattista permezz tax-xhieda tieghu waqt is-seduta tas-26 t'April, 2018). Waqt l-istess xhieda, l-attur stqarr ukoll: "*Nghid li ghaldaqstant jiena stajt nasal ghal konkluzzjoni li kien hemm xi problema fis-sens illi l-ilma kien qed jintrefa lejn naha wahda biss iktar minn parti ohra. Nghid li dan huwa kagun tal-fatt illi seta' illi peress li qeghda fuq zona fuq barra jista jkun li dan huwa determinat minn fattur partikolari li huwa r-rih. Nghid li ghalkemm jiena kont involut fir-rigward ix-xoghol tal-pool il-parti tal-gutter jiena sibtu hemmhekk u ma kienx parti minn dak li*

*gejt appuntat sabiex naghmel, fil-fatt l-istess intimat lili kien staqsieni dwar x'nahseb dwar dan il-gutter u jiena ma stajtx naghtih twegiba peress li ma nhoss illi din hija fil-kompetenza tieghi.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 t'April, 2018)

Min-naha tieghu il-Perit Sandro Valentino, appuntat mill-konvenut, xehed illi:

> "*Qed nigi mistoqsi x'kien l-irwol tieghi fir-rigward tal-pool mertu tal-kawza nghid li dak iz-zmien jiena kont nahdem fl-ufficcju tal-Perit Chris Briffa u kont jiena li ddisinjajt din il-pool, kont gejt ukoll ikkuntatjat fir-rigward tal-kwistjoni relattiva ghal din il-kawza. Nghid li l-problema kienet li l-ilma ma kienx qed ifur bl-istess mod minn kull naha tal-pool. Eventwalment kien hemm effett sinikattiv. Nghid li in vista ta' din il-kwistjoni konna qabbadna surveyor sabiex jiehu l-kejl ta' diversi punti tal-istess pool u nghid li dan iddetermina li kien hemm dizlivell*".

Riskontrat b'dawn il-verzjonijiet differenti it-Tribunal isib li s-soluzzjoni ghall-vertenza trid tabilfors tinsab fir-rapport redatt mill-Land Surveyor Louis Attard fejn dan kejjel ix-xoghol tal-attur u xehed:

> "***Qed nigi mistoqsi jekk jiena stajtx niddetermina x'kienet il-kagun ta' din il-kwistjoni u nghid li jiena ddeterminajt li meta tqieghed dan l-irham dan ma tqieghedx b'invell kif fil-fatt iddeterminajt jiena li kien hemm dak id-dizlivell u fil-fatt kien dan li qed iwassal ghal din il-kwistjoni. Qed nigi mistoqsi sabiex nghid jekk jiena nistax nasal ghal konkluzzjoni dwar x'wassal ghal dan id-dizlivell nghid li fil-fehma tieghi dan twassal minhabba l-fatt li min ghamel il-kejl ma wtilizzax l-istrument mehtieq ghal dan it-tip t'ezercizzju. Nghid li jiena ma kontx prezenti meta sar dan il-kejl pero' nista nghid wasalt ghal din il-konkluzzjoni li bilfors meta gie biex jittiehed il-kejl ma giex utilizzat strument li kien sofistikat bizzejjed li jista' jkejjel kif ghamilt jiena sa nofs millimetru wkoll diskrepanza. Fil-fatt nghid li meta tqabbad layer susseqwenti u cioe' persuna ohra gie wtilizzat l-istrument li kelli jiena sabiex sar il-kejl u fil-fatt ix-xoghol sar tajjeb.***"
> (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar, 2020 – enfazi mizjuda)

Meta xehed quddiem it-Tribunal l-istess surveyor ikkonferma li tali diskrepanza millimetrika hija sufficjenti sabiex twassal ghall-problematika li l-pool ma tibdiex tferra' l-ilma bl-istess mod mill-gnub kollha:

> "***Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jekk taqbez it-two jew three millimeters din hija kwistjoni li iva setghet tinqala' u cioe' l-ilma ma jibqax ghaddej bl-istess mod ugwali minn kull naha fil-fatt hekk irrizultali jiena meta hadt il-kejl fl-ewwel xoghol.***" (xhieda moghtija wkoll waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar, 2020 – enfazi mizjuda).

Konsegwentement ghal dan huwa car li hawn non si tratta ta' kwistjoni *de minimis* li ma taffettwax il-bonta` tax-xoghol prestat fl-essenza tieghu imma ta' aspett li effettivament jirrendi x-xoghol wiehed essenzjalment difettuz u mhux konformi mal-kummissjoni moghtija. F'dan ir-rigward, kif diga` gie nutat, l-istess Attard fisser kif tali problematika setghet facilment tigi evitata bl-utilizzar ta' strument appozitu li seta' jipprovdi ghall-kejl in linea mal-precizjoni mehtiega ghal xoghol tajjeb. L-istess Attard fisser ukoll kif, riskontrat bir-rapport tieghu li kien jikxef kjarament id-diffett fix-xoghol tal-attur (ezebit a fol. 126 u 127 tal-process), dan tal-ahhar minflok irreaggixxa billi ddefenda l-bonta` tax-xoghol tieghu, ukoll jekk kien hemm bzonn permezz ta' esperti teknici appuntati ghal dan l-iskop minnu, pretenda li l-istess Attard ivarja arbitrarjament ir-rizultanzi tieghu. F'dan ir-rigward Attard kompla jixhed fis-sens illi:

> "*Nghid li wkoll f'dik l-okkazzjoni meta jiena mort fil-karozza bl-istrument lest biex nitlaq l'hemm gie warajja Marco Spiteri nghid li f'dik l-okkazzjoni beda jheddidni, qalli wkoll li jekk jiena ma nirtirax ir-rapport kien ser ikun hazin ghalija. Qabad ukoll l-istrument b'idejh u beda jsabbat bil-ponn fuq il-karozza u dak il-hin jiena gejt kostrett incempel lill-Pulizija.*"

Ghat-Tribunal tali reazzjoni da parti tal-attur hija ghal darb'ohra indikattiva ta' persuna li kienet taf li x-xoghol taghha ma kienx konformi mal-obbligi ta' precizjoni assunti minnha u kwindi pretenda li forzatament ivarja ir-rizultanzi li kienu qed jippruvaw kjarament tali nuqqas ta' precizjoni anke wara x-xogholijiet li suppost kellhom ikunu riparatorji da parti tieghu.

Illi ai fini kompletezza jehtieg li jigi mtenni li l-attur ma jistax ragjonevolment jippretendi li jitfa' t-tort ghan-nuqqas ta' precizjoni fix-xoghol tieghu ghad-disinn tal-*gutter* madwar il-pool jew ghar-rih fiz-zona fejn tinsab il-pool. Huwa kien jaf jew kellu jkun jaf, kemm bin-natura tal-*gutter* li kien hemm fil-post u kif ukoll bil-mod illi bih ir-rih seta' jaffettwa l-moviment tal-ilma fil-*pool*, u kwindi, *multo magis* kellu jew minnufih jirrifjuta li jaccetta x-xoghol jew, jekk jaccettah, jara li x-xoghol tieghu jilhaq il-livell ta' precizjoni mehtieg minnu sabiex – in linea ma' dak mehtieg minnu mil-ligi – ikun jista' jiccertifika u jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu u b'hekk jissodisfa l-obbligi legali posti fuqu. Logikament ukoll l-attur ma jistax iwahhal fir-rih jew fid-disinn tal-*gutter* jekk qabelxejn l-ilma li kien qed jipperkola mal-gnub tal-pool ma kienx ugwali u uniformi proprju bhala effett tax-xoghol impreciz imwettaq minnu. Logikament, kwalunkwe difett fil-*gutter* jew kwalunkwe effett tar-rih ikun jista' jigi determinat una volta jigi assigurat li l-ilma qieghed jitferra jew jista' jitferra b'mod uniformi minn fuq il-wicc tal-pool biex b'hekk jigi, fl-ewwel lok, eskluz kull element ta' xoghol hazin fit-tqeghid tal-lava mal-wicc tal-*pool* minn fejn irid jinzel l-ilma. Madanakollu f'dan il-kaz tali fattur ma setax jigi assigurat proprju ghaliex, kif determinat b'mod konklussiv minn Attard, kien hemm diskrepanzi fl-gholi tal-gnub tal-pool bhala rizultat tax-xoghol imwettaq mill-attur u tali diskrepanzi, anke jekk millimetrici, kien qed ikollhom effett car fuq il-funzjonalita` u l-estetika tal-pool.

Illi konsegwentement ghas-surreferit huwa car li l-konvenut kien gustifikat li jittermina l-appalt moghti minnu lill-attur. A tenur tal-art. 1640 tal-**Kodici Civili**, dan ma jfissirx illi l-attur assolutament m'huwa intitolat ghal ebda pagament ghax-xoghol prestat minnu imma biss li, in linea ma' dak espressament post mill-art. 1640(3) tal-**Kodici Civili** "*min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra*". F'dan ir-rigward irrizulta kjarament mill-provi prodotti illi l-konvenut zamm l-i*slabs* stallati mal-gnub tal-*pool* imma kellu jaqla' l-i*slabs* imwahhlin mal-wicc tal-*pool* sabiex ix-xoghol isir bil-precizjoni millimetrika mehtiega sabiex il-*pool* isservi l-aspetti funzjonali u estetici taghha. F'dan ir-rigward it-Tribunal talab illi l-attur jindika proprju l-prezz tal-islabs vertikali li ghadu stallat fis-sit u f'dan ir-rigward l-attur ressaq in-nota

li permezz taghha ikkantifika dan l-ammont fis-somma ta' €2312.80. Il-konvenut inizjalment ammetta li lill-attur huwa ma kien hallsu xejn (f'dan is-sens xhieda moghitja minnu waqt is-seduta tal-11 t'Ottubru, 2019) imma mbaghad prova jvarja din l-istqarrija tieghu billi jikkontendi li jista' jkun li xi parti mid-depozitu imhallas minnu inizjalment lil Attard Brothers ghall-kummissjoni tax-xoghol seta' mar ghand l-attur (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019). It-Tribunal isib li ma saret ebda prova konkreta ta' dan u li anzi huwa l-istess konvenut li f'dan ir-rigward jikkonferma li huwa kien ghazel li jqabbad lill-attur direttament u li kwindi, legalment, il-kummissjoni moghtija minnu lill-attur fir-rigward tal-*pool* mertu tal-kawza ghandha necessarjament tigi kkunsidrata bhala indipendenti mill-kummissjoni originali moghtija lil Attard Brothers fir-rigward tal-villa tieghu. L-attur ukoll jikkonferma bil-gurament tieghu li huwa ma thallas xejn ghax-xoghol kollu tieghu. Huwa car allura li, ai fini tal-art. 1640(4) tal-**Kodici Civili** ma jistax jinghad li l-attur thallas xi somma bil-quddiem mill-konvenut ghax-xoghol tieghu. Tenut kont tas-surreferit it-Tribunal jemmen li, in linea ma' dak espressament post mill-art. 1640(3) hawn fuq citat, l-attur huwa intitolat illi jigi mhallas fir-rigward tal-*slabs* stallati minnu vertikalment mal-gnub tal-pool u li baqghu hemmhekk stallati b'utilita` evidenti ghall-istess konvenut.

Fir-rigward tal-kontro-talba ghandu jinghad li kwalunkwe danni rizultanti favur il-konvenuti ghandhom ukoll jigu mnaqqsin mis-somma spettanti lill-attur ghax-xoghol tieghu, dana wkoll in linea ma' dak provdut taht l-art. 1640 (3) hawn fuq citat. Hekk ukoll jinsab deciz:

> "*Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)*) Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** deciza fis-6 ta' Ottubru 2004.

Illi l-konvenut ressaq prospett tad-danni u ddikjara li, minkejja li dawn jissuperaw il-kompetentenza *ratione valoris* ta' dan it-Tribunal huwa kien qed jillimita t-talba tieghu ghas-somma massima ta' hamest elef euro (€5000). Tali prosett jinkludi spejjez ta' natura peritali mhallsa mill-konvenut lill-Perit Sandro Valentino fis-somma ta' mitejn euro (€200) u lill-Engineer Victor Bonello ammontanti ghall mitt euro (€100). Dawn l-ammonti allegatament imhallsin mill-konvenuti baqghu mhux konfermati permezz tad-debiti ricevuti u lanqas ma jinsabu konfermati li gew imhallsin bhala konsegwenza diretta tal-inadempiment tal-attur - kwindi ma jistghux jigu akkolti. Il-konvenut jitlob ukoll is-somma ta' €325.68 rapprezentanti hlas li sar lil ARC International Surveyors Limited ghall-hrug tal-livelli – ammont dan li jinsab pruvat tramite Dok. E anness mar-risposta u kontro-talba tal-konvenut a fol. 16 u Dok. SBC2 ezebit a fol. 152 tal-process - u s-somma ta' elf u disa' mitt euro (€1900) li sar lil Michele Ziza ghal xoghol riparatorju ossija tnehhija tax-xoghol maghmul mill-attur u tqeghid mill-gdid tal-materjal – liema ammont jinsab ukoll konfermat kemm minn Dok. H anness mar-risposta u kif ukoll mir-ricevuti ta' hlas ezebiti bhala Dok. SBX3, SBX4 u SBX5 a fol. 153 sa fol. 155 tal-process). It-Tribunal huwa tal-fehma li dawn l-ammonti gew pruvati u gew sopportati mill-konvenut intortament konsegwentement ghan-nuqqas tal-attur li jikkompleta l-appalt moghti lilu u accettat minnu b'mod tajjeb minghajr difetti essenzjali. Kwindi l-attur ser jigi kkundannata ihallas dawn l-ammonti lill-konvenut ammontanti komplessivament ghas-somma ta' €2225.68 in linea ta' danni.

Oltre s-surreferit il-konvenut qieghed jitlob ukoll li l-attur ihallsu s-somma ta' sitt elef u hames mija rapprezentanti hlas li sar lil Charles Axiaq ghall-fornitura ta' materjal gdid. F'dan ir-rigward il-konvenut annetta mal-prospett ricevuta iffirmata mill-istess Axiaq li tirreferi ghal tali ammont imhallas ghas-saldu "*for work done on pool*" (Dok. SBX1 a fol. 151 tal-process) oltre li rrefera ghall-*quotes* annessi mal-kontro-talba tieghu bhala Dok. I u Dok. J. It-Tribunal jinnota li Dok. J hija kostitwita minn skambju ta' *emails* bejn Axiaq u l-konvenut li permezz tieghu jidher li kienu qed jaqblu fuq xi skont fil-prezz tenut kont il-fatturi li jinsabu indikati mill-istess Axiaq permezz tal-*email* tieghu datata 27 ta' Gunju, 2016. Minn hawn diga` jirrizulta li kien hemm xoghol ulterjuri maghmul minn Axiaq li mhux necessarjament jahti ghalih l-attur. Jekk wiehed imbaghad jikkunsidra Dok. I annessa mar-risposta u l-kontro-talba, ossija l-*quote*

mahruga minn Axiaq, jirrizulta kjarament li s-somma effettivament kwotata ghall-*coping* tal-pool hija dik ta' €2613.55 filwaqt li s-somom rimanenti jirrigwardjaw it-tarag u l-landing. Huwa kwindi car li, fl-ewwel lok, il-konvenut ma jistax ragjonevolment jippretendi li l-attur ihallas floku il-prezz shih tax-xoghol kollu rimanenti prestat lilu minn terzi appuntati minnu flok l-attur, *multo magis* jekk tali somom jirrigwardjaw aspetti ta' xoghol iehor mhux marbutin max-xoghol riparatorju fuq il-*pool*. Fi kliem iehor, l-ispejjez relatati mat-tarag u l-landing xorta wahda kienu ser jigu sopportati mill-konvenut anke kieku l-attur ittermina l-appalt tieghu u allura dawn ma jistghux jigu kkunsidrati bhala danni sofferti minnu u li ghalihom jahti l-attur. Inoltre, anke fir-rigward tas-somma surreferita indikata bhala dovuta fir-rigward tal-*coping* il-konvenut baqa' ma pruvax kif tali somma ghandha tigi ritenuta dovuta lilu mill-attur in linea ta' danni. Anke jekk jigi koncess li tali somma thallset minnu sabiex isir il-*coping* tal-pool tali somma ma tistax ragjonevolment tigi ritenuta dannu li huwa sofra bhala konsegwenza tal-inadempjenza tal-konvenut imma semplicement prezz imhallas minnu ghal xoghol prestat minn terzi in sostituzzjoni tal-attur. Fi kliem iehor, allura, hawn ukoll huwa hallas lil terzi prezz li kien ikun spettanti lill-attur li kieku dan wettaq ix-xoghol tieghu b'mod tajjeb u l-appalt ma giex terminat. Konsegwentement tali somma ma tistax tinkwadra ruhha bhala dannu tenut kont li ma tikkostitwixxix xoghol riparatorju li gie rez necessarju minhabba x-xoghol hazin imwettaq mill-attur.

Illi konsegwentement ghas-surreferit it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' l-kontro-talba limitatament ghas-somma msemmija ta' €2225.68.

Illi jekk wiehed inaqqas is-somma ta' €2225.68 mis-somma ta' €2312.80, jigi li l-attu huwa debitur tal-konvenut fis-somma bilancjali ta' sebgha u tmenin euro u tnax-il centezmi (€87.12).

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, jichad ukoll it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati minnhom u jilqaghhom ghall-bqija sakemm kompatibbli mas-surreferit, u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet; fir-rigward tal-kontro-talba jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet, jilqa' it-tielet eccezzjoni sakemm kompatibbli mas-surreferit, jichad ukoll il-bqija tal-

eccezzjonijiet ghall-istess kontro-talba, jilqa’ l-kontro-talba limitatament fis-somma imsemmija ta’ elfejn, mitejn u hamsa u ghoxrin euro u tmienja u sittin centezmi (€2225.68), jilqa’ wkoll it-talba fis-somma imsemmija ta’ elfejn, tlett mija u tnax-il euro u tmenin centezmi (€2312.80) u kwindi jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma bilancjali ta’ sebgha u tmenin euro u hdax-il centezmu (€87.11) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez jigu spartiti nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**